**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar il-11 ta' Lulju 2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Magri)**

**vs.**

**Yanika Cuschieri**

detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 238795M

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Yanika Cuschieri**, bint George Cuschieri u Rosita Cuschieri nee Galea, imwielda l-Pietà nhar it-3 ta' Ġunju 1995, residenti ġewwa Binja Vista, Entratura I, Flat 5, Triq G. Dimech Debono, Birkirkara u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 238795M,

akkużata talli:

1. nhar is-6 ta' Diċembru 2023 għall-ħabta ta' 14:15hrs u/jew fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kienet ġewwa Convenience Shop, Misraħ Gavino Gulia, Bormla, ikkommettiet serq sempliċi għall-ammont ta' Convenience Limited;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inġurjat jew heddet, jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe PS2392 Martina Grech waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe PS2392 Martina Grech, filwaqt li kien qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kkaġunat offiża ta' natura ħafifa li l-effett ikkunsidrat sew għal dak li l-ġisem ta' PS2392 Martina Grech kemm moralment, huwa ta' importanza żgħira.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kisret il-bon ordni jew il-paċi pubbliku b'għajjat u storbju;

Rat l-Artikolu 284, l-Artikolu 95, l-Artikolu 96, l-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni irtirat it-tielet akkuża miġjuba fil-konfront tal-imputata;

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatha żmien tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha u wara li wissietha dwar il-pieni abbinati mal-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1]; il-lista tal-oġġetti derubati[2]; iċ-ċertifikat mediku fuq il-persuna ta' Martina Grech[3];

Semgħet it-trattazzjoni tal-Uffiċjal Prosekutur u tad-difensur tal-imputata, dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha; u għalhekk dawn jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

Rigward il-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tagħhom qed tinstab ħatja l-imputata. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tagħha. Qieset ukoll illi effettivament id-derubat ma sofra ebda detriment in vista li l-oġġetti kollha li serqet l-imputata ġew lilu ritornati meta l-imputata nqabdet tisraq l-oġġetti u ħierġa bihom mill-istabbiliment.

**Deċide**

In vista ta' dan, il-Qorti filwaqt illi qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet akkuża in vista li din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, wara li rat l-Artikolu 284, l-Artikolu 95, l-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qiegħda ssib lill-imputata **ħatja** tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames akkuża kif dedotti fil-konfront tagħha u konsegwentement:

tikkundanna multa ta' tmien mitt Ewro (€800)
u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tpoġġi lill-imputata taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin bil-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħtija kontestwalment, liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tikkonċedi lill-ħatja żmien tliet snin sabiex taddivjeni għall-pagament tal-multa fuqha mposta.

---

[1] Bir-referenza 4/POL/6665/2023 a fol. 11 tal-proċess;
[2] Fol. 18 tal-proċess;
[3] Fol. 17 tal-proċess;

Il-Qorti ai termini tal-Artiklu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum jew jekk ma toqgħodx għall-Ordnijiet lilha mogħtija mill-Uffiċjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni tal-Probation tiġi mogħtija minnufih lill-imputata u kopja oħra għandha tiġi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole sabiex ikun jista' jassenja Uffiċjal tal-Probation li jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-imputata.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur